# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 25 ta' Frar 2016**

**Kawza Numru : 32**
**Rikors Guramentat Numru : 348/2014/LSO**

**Concetta *sive* Connie Gili; Robert Ghirlando; Tanya Vella, Martin Vella**

**vs**

**Alfred Grima [K.I. Nru. 688440M], Carmela Polidano [K.I. Nru. 63945M] u b' digriet tat-23 ta' Settembru 2014 gew mahtura Dr Alessandro Lia u l-PL Jean Pierre Busuttil**

**bhala Kuraturi Deputati tal-istess assenti**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Concetta *sive* Connie Gili [8956M]; Tanya Vella [323657M]; Martin Vella [59765M]; Robert Ghirlando [358747M] datat 25 ta' April 2014 fejn umilment u bil-gurament taghha Connie Gili kkonfermat li hija personalment taf bis-segwenti :-

Illi r-rikorrenti huma l-propjetarji tal-fond bin-numru 24, Triq El Dorado, Hamrun;

Illi l-imsemmi fond kien gie rekwizizzjonat ghall-uzu mid-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali permezz tal-Ordni ta' Rekwizizzjoni li ggib in-numru 28988 mahruga fit-23 ta' Lulju, 1973 hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'EG1';

U billi l-imsemmi fond gie derekwizizzjonat fit-2 ta' Frar 1999 mid-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali u r-rikorrenti gew notifikati bl-istess permezz ta' notifika ta' derekwizizzjoni annessa u mmarkata "EG 2".

U billi ghalkemm id-Dipartiment naqas li jrodd lura c-cwievet il-fond huwa fi stat prekarju u inabitabbli u d-Dipartiment kien spjega li hadd ma jghix fil-fond;

U billi meta r-rikorrenti marru fuq il-fond sabiex jibdlu s-serratura sabu l-post maghluq u gew informati mill-girien li l-konvenut Grima qed jokkupa l-fond; u dan evidentement minkejja li ma kellu l-ebda titolu u/jew jedd fil-ligi;

U billi *inoltre* minn ricerka tar-registru elettorali jidher li l-intimati t-tnejn iddikjaraw li dan il-fond huwa r-residenza taghhom;

U billi r-rikorrenti ghandu l-ikbar interess li jiehu lura l-pussess tal-fond proprjeta` tieghu dovut skont il-ligi fl-iktar zmien qasir possibbli;

U billi r-rikorrenti jiddikjara illi sa fejn jaf hu l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi:

1. Tipprocedi bis-smigh ta' din il-kawza bid-dispensa tas-smigh skont il-procedura preskritta fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tiddikjara li l-intimat qed jipposjedi l-fond minghajr titolu u/jew illegalment;

3. Tordna li fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti l-intimat jizgumbra u jivvaka l-fond fuq imsemmi u jrodd lura lir-rikorrenti l-pusses vakanti tal-fond 24, Triq El Dorado, Hamrun.

Bl-ispejjez u l-ingunzjoni in subizzjoni tal-intimati.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta' Mejju 2014.

Rat ir-risposta guramentata ta' Alfred Grima K.I Nru688440 datata 13 ta' Mejju 2014 (fol 9) fejn ikkonferma li personalment jaf is-segwenti:

1. Illi kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza l-intimat Alfred Grima qed jokkupa l-post 24, Triq El Dorado, Hamrun b'titolu validu fil-ligi u legalment u cioe' b'titolu ta' kera, *stante* l-kuntratt tal-20 ta' Marzu 1986 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin hafna snin ilu u ilu jabita fih ghal hafna snin bhala r-residenza ordinarja tieghu.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra

Rat ir-rikors ta' Concetta Gili datat 10 ta' Lulju 2014 a fol 35 tal-process fejn l-esponenti talbet lill-Qorti joghgobha prevja kwalsijasi notifika *ai termini* tal-Artikolu 931(2) tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili, tahtar kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Carmela Polidano fuq l-att sureferit u fuq l-atti l-ohra kollha relattivi u

konkomitanti quddiem din l-Onorabbli Qorti u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Qorti jidhrilha xierqa u opportun; u l-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-hrug tas-solitu bandi.

Rat in-nota tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali datata 26 ta’ Settembru 2014 (fol 40) fejn tindika li l-Avukat u PL li messhom skont it-*turn* huma Dr Alessandro Lia u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil.

Rat ir-risposta guramentata ta' Dr. Alessandro Lia (511285M) u l-PL Jean Pierre Busuttil (ID 409171M) fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi deputati ta' Carmela Polidano datata 15 ta’ Ottrubu 2014 (fol 35) fejn esponew illi :-

1. F'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri, jekk ikun il-kaz, meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-imsemmija Carmela Polidano minnhom rapprezentata. F'dan ir-rigward l-esponenti minn issa jitolbu lir-rikorrenti sabiex jipprovdulhom kull indirizz inkluz dak elettroniku u/jew numru tat-*telephone* tal-imsemmija Carmela Polidano sabiex ikunu jistghu jikkomunikaw maghha.

2. Preliminarjament, Carmela Polidano kif rapprezentanta m'hijiex il-legittimu kontradittur f’ din il-kawza peress li l-ebda talba ma hi qed issir fil-konfront taghha u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi.

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi ghandhom igibu prova skont il-ligi li l-imsemmija Carmela Polidano ma tgawdix minn xi titolu jew iehor fuq il-fond numru 24, Triq El Dorado, Hamrun.

4. F'kull kaz, it-talba tal-atturi hija infondata kif ser jigi pruvat ahjar fil-kors ta' din il-kawza.

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ Alfred Grima datata 28 ta’ Settembru 2015 a fol 74 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tal-atturi kollha datata 16 ta’ Novembru 2015 a fol 76 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 26 ta' Novembru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Mark Refalo ghall-attrici prezenti u Dr John Buttigieg ghall-konvenut prezenti. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet prezenti. Il-kawza giet differita ghall-sentenza in difett ta’ ostakolo ghall-25 ta' Frar 2016 fid-9:30a.m., u ordnat li l-Kuraturi jigu notifikati b'kopja ta’ dan il-verbal a spejjez tar-rikorrenti, li ghandhom wiehed u ghoxrin (21) gurnata min-notifika biex jekk iridu jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet finali taghhom, bin-notifika/*visto* tad-difensuri tal-kontro-parti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz ta' dan il-kaz, ir-rikorrenti qed jitolbu l-izgumbrament mill-fond 24, Triq El Dorado, Hamrun *stante* li l-fond gie derekwizizzjonat u l-koncessjoni enfitewtika skadiet. L-intimat Alfred Grima laqa' billi sostna li hu qed jokkupa l-post b' titlu validu fil-ligi u legalment b'titlu ta' kera permezz ta' kuntratt tal-20 ta' Marzu 1986 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin.

Fir-risposta taghhom l-kuraturi deputati ta' Carmela Polidano eccepew li mhumiex edotti mill-fatti, u li t-talba tal-attrici hi infondata u li Polidano mhix il-legittimu kontradittur.

**Fatti:**

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Il-fond mertu tal-kaz kien gie rekwizizzjonat ghall-uzu tad-dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali permezz ta' ordni ta' rekwizizzjoni hekk kif jidher minn Dok EG1 (fol 4). Sussegwentement, missier ir-rikorrent kien ikkonceda l-fond b'subcens temporanju ta' sbatax-il sena lil Francis Schembri permezz tal-kuntratt datat 19 ta' Mejju 1977 esebit bhala Dok A (fol 59-64).

Irrizulta wkoll li l-werrieta ta' Francis Schembri, Maria Schembri cediet l-istess cens gratuwitament lil Alfred

Grima permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin datat 20 ta' Marzu 1986. (fol 65-67). Jirrizulta li l-fond gie direkwizizzjonat fit-2 ta' Frar 1999 mid-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali esebit bhala Dok EG2 (fol 5). Illi d-dipartiment naqas li jrodd lura c-cwievet tal-fond, ghalkemm spjega li hadd ma kien ighix fil-fond, anke *in vista* tal-fatt li mir-*records* tad-Dipartiment, jidher li kienet saret spezzjoni fil-fond mill-Perit Naudi li ccertifika li l-fond jinsab fi stat prekarju sa mill-1984. Madankollu, meta r-rikorrenti marru fuq il-fond, sabu l-post maghluq u gew infurmati mill-girien li kien hemm Alfred Grima jirrisjedi fil-fond, u b'hekk ipprocedew bil-kaz odjern.

**Provi:**

**Alfred Grima** xehed b'affidavit (fol 20) u qal li peress li ma kellux post fejn joqghod, mar il-'Housing Department', u gie allokat il-fond in kwistjoni u baqa' joqghod hemm ghal snin twal.

In kontro-ezami (fol 72-73)[1] qal li hu l-fond hadu mill-'Housing Department', ghax ma kellux fejn joqghod, ma kienx jaf min hu s-sid u ghalhekk qatt ma hallas kera kemm dam joqghod hemm, u qal li qatt ma mar ghand Nutar, ma kellux ghalfejn.

**Carmen Azzopardi** (26-33)[2] (46-50) in rapprezentanza tal-Housing Department, qalet li l-fond in kwistjoni kien rekwizizzjonat, u gie direkwizizzjonat fl-1999. Hi semmiet li kien joqghod fil-fond Alfred Grima, li kien qed jirrisjedi fih

[1] Seduta tas-16 ta' Gunju 2015
[2] Seduta tal-1 ta' Lulju 2014 u tal-21 ta' Ottubru 2014

permezz ta' subenfitewsi datata 20 ta' Marzu 1986, li hi esebiet sussegwentement (fol 40-42). Qalet li min-naha tad-Dipartiment, l-konvenut gie semplicement rikonoxxut abbazi ta' din is-subenfitewsi, izda, ma kien hemm l-ebda ftehim mal-Housing f'dan ir-rigward. Hi kkonfermat li l-fond gie rekwizizzjonat fit-23 ta' Ottubru 1973, u xehdet li kienet saret spezzjoni fuq il-fond, fl-1984 mill-Perit Naudi fejn il-fond kien diga gie dikjarat inabitabbli. Skont ir-rapport tal-Perit tad-Dipartiment li spezzjona l-post fis-sena 1984 lanqas kien hemm elettriku u vit wiehed tal-ilma.[3]

Qalet li meta gie rekwizizzjonat il-fond, ir-*requisition order* harget fuq Dr. Joseph Vella u meta gie direkwizzizzjonat, inhareg fuq Alfred Gili, u normalment meta jkun hemm inkwilin rikonoxxut mill-Housing, tohrog fuqu wkoll, izda ma kienx hekk f'dan il-kaz. Semmiet li d-Dipartiment ma kienx jidhol fil-kwistjoni tal-kera, din kienet xi haga ta' bejn is-sid u min qed jokkupa l-fond. Spjegat li fl-1984, kienu ntalbu c-cwievet lil Maria Schembri, izda ma jirrizultax li c-cwievet tal-fond regghu gew lura l-Housing fl-ebda stadju.

Xehdet ukoll li minn annotament li kien hemm fuq il-file, Grima kien joqghod l-iljieli fil-post.

Esebiet ittra lil Maria Schembri, fejn jinghad li d-Dipartiment ma kellux oggezzjoni li c-cens jigi trasferit lil Alfred Grima. (fol 43) u esebiet ukoll kopja ta' ordni ta' rekwizizzjoni, (fol 45).

[3] Kopja tar-rapport a fol 45.

**Concetta Gili** xehdet (fol 68)[4] li l-fond mertu tal-kaz hu wirt tal-genituri taghha u kien rekwizizzjonat. Qatt ma rceviet kera jew cens minghand il-konvenut. Illi wara li gie direkwizizzjonat il-fond min-naha tal-Housing, qatt ma kellhom cwievet, u meta marret fuq il-post, rat li kien hemm xi hadd joqghod hemm.

**Eccezzjoni tal-Kuraturi Deputati ta' Carmela Polidano li mhix il-legittimu kontradittur.**

Illi gie eccepit mill-Kuraturi Deputati ta' Carmela Polidano, li ghalkemm, mhux edotti mill-fatti, Polidano mhix il-legittimu kontradittur peress li l-ebda talba ma hi qed issir fil-konfront taghha u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi, dak li jrid jigi stabbilit fl-ewwel lok, meta jigi ezaminat jekk il-persuna hijiex il-legittimu kontradittur ta' parti fil-kawza, jehtieg li fuq bazi *prima facie*, jigi ezaminat jekk il-persuna li giet imharrka kinitx materjalment involuta fl-ilment attwali tal-atturi. (Ara **"Grace Sacco vs is-Superintendent Mediku fl-isptar generali ta' Ghawdex et",** P.A. Gurisd. Ghawdex (AE) 16 ta' Ottubru 2007).

Illi l-atturi ma gabu l-ebda provi dwar kif setghet kienet involuta Carmela Polidano bhala inkwilin fil-fond in kwistjoni jew okkupant tal-fond. Alfred Grima, prezenti ghas-seduta tal-20 ta' Mejju 2014, ddikjara li Carmela Polidano kienet imsiefra l-Awstralja, meta rcieva n-notifika ghan-nom taghha u li hi taghmel zmien twil barra minn Malta, peress li hi tghix l-Awstralja, hlief ghal meta tigi

[4] Seduta tat-28 ta' April 2015

Malta. Illi mill-assjem tal-provi prodotti, ma jirrizultax li isem Carmela Polidano huwa msemmi f'xi kuntratt ta' enfitewsi jew mal-Awtorita` tad-Djar jew ta' mill-inqas li hi tokkupa d-dar bhala r-residenza ordinarja taghha.

Ghalhekk, tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-Kuraturi Deputati ta' Carmela Polidano *stante* li mhux ippruvat li hija kellha konnessjoni materjali jew ta' xorta ohra, mal-fond in kwistjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt:**

Illi l-intimat Alfred Grima sostna fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu a fol 74 tal-process li baqa' jokkupa l-fond taht titlu ta' kera bl-applikazzjoni **tal-artikolu 12 tal-Ordinanza tal-1959 dwar it-Tnehhija tad-Djar mill-Kontroll (Kap. 158 tal-ligijiet ta' Malta)** mizjud fis-sena 1979 bl-Att XXIII ta' dik is-sena. Dan l-istess Kapitolu kien emendat bl-Att XVIII tal-2007 sabiex gie introdott l-Artikolu 12A.

Illi l-atturi irribattew[5] li l-koncessjoni enfitewtika originali jistipula li "*is-subenfitewta ma jkollux dritt li jittrasferixxi s-subutile dominju temporanju tal-fond jew jikrieh lil terzi persuni u jekk jaghmel dan is-subkoncedent jkollha dritt li titlob ir-risoluzzjoni immedjata tal-prezenti att u tiehu lura l-fond hieles minn kull dritt ta' lokazzoni u ta' subenfitewsi.*" Argumentaw ukoll li t-trasferiment bejn Schembri u l-intimat ma kienx *in bona fede*.

---

[5] Nota a fol 76-78 tal-process.

Sussidjarjament issottomettew li l-intimat kien ghal kollox innattiv billi ma ghamel xejn biex jezercita d-dritt li jikkonverti c-cens ghal kera a tenur tal-artiklu 12(2) tal-Kap.158 tant li qatt ma hallas cens jew kera, la lis-sidien u lanqas lid-Dipartiment tad-Djar.

**Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Ikkonsidrat li l-eccipjent Grima qed jikkontendi li qed jokkupa b'titolu ta' lokazzjoni billi huwa protett bid-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 12** tal-**Kapitolu 158** tal-Ligijiet ta' Malta. L-eccipjent jghid li qed jokkupa l-imsemmija fond b'kera *una volta* li huwa cittadin Malti u jokkupa l-imsemmi fond bhala r-residenza ordinarja tieghu.

Ikkonsidrat li wara li sar il-kuntratt tat-19 ta' Mejju 1977 bejn l-awtur tar-rikorrenti u is-subenfitewta Francis Schembri, il-legislatur ta' dak iz-zmien introduca permezz ta' **ATT XXIII tas-sena 1979**, emmendi li 'inter alia' llum jinsabu *ai termini* tal-Artikolu 12 tal-Kap 158, fejn min kien qieghed jokkupa fond bhala r-residenza ordinarja tieghu u huwa cittadin Malti,gie awtomatikament intitolat skont il-ligi, li jibqa' jokkupa l-fond wara z-zmien tal-koncessjoni enfitewtika, b' titolu (differenti) ta' kera wara l-gheluq tac-cens temporanju, u dan skont **l-artikolu 12(2)** ***et seq*** **tal-Kap 158;**

Illi jirrizulta li l-konvenut beda jokkupa l-fond fis-sena 1985[6] sahansitra qabel il-kuntratt tal-20 ta' Marzu 1986. Il-koncessjoni subenfitewtika originali saret fid-19 ta' Mejju

[6] Xhieda ta ' Carmen Azzopardi a fol 27 tal-process.

1977. Sena qabel ma dahal fil-fond jirrizulta li kienet saret spezzjoni mill-Perit Naudi (fis-sena 1984) li sab li l-fond kien inabitabbli, u sahanistra perikoluz f'xi parti minnu, u minghajr servizzi utili adegwati. Tant hu hekk li d-Dipartiment kien talab lill-Mary Schembri biex tghaddilhom ic-cwievet. Inoltre Carmen Azzopardi xehdet li minn notament li kellha fil-file, Grima kien qed jidhol fil-fond biss matul il-lejl.

Illi dan kollu premess, din il-Qorti hija soddisfatta mill-assjem tal-provi prodotti li huwa ppruvat soddisfacentement li :

1. L-intimat ma kienx rikonoxxut mid-Dipartiment tad-Djar u ghaldaqstant ma giex allokat il-fond mill-istess Dipartiment. B'hekk it-titlu tieghu ma jidderivax minn xi ftehim mad-Dipartiment tad-Djar/tal-Akkomodazzjoni Socjali.

2. Li ma ghamel l-ebda pagament f'cens jew kera minn mindu dahal fil-fond sallum.

3. Li d-direttarji/sidien lanqas biss kienu jafu li l-fond kien okkupat.

Ikkonsidrat li l-fond, originarjament rekwizizzjonat, gie *derequisitioned* fit-2 ta' Frar 1999 izda kif johrog car mix-xhieda ta' Carmen Azzopardi, l-intimat ma kienx rikonoxxut mid-Dipartiment minhabba allokazzjoni tal-fond imma biss b'effett tal-ftehim *inter partes*. Isegwi li l-intimat ma jistax

jivvanta xi dritt minhabba xi allokazzjoni mid-Dipartiment, u dan aparti li l-fond gie derekwizizzjonat.

**Ghaldaqstant issa jmiss li jigi investigat it-titlu allegat mill-intimat derivanti mill-Artikolu 12 tal-Kap 158. Jirrizulta manifest mill-kuntratti esebiti li l-fond originarjament inghata in subenfitewsi temporanju qabel il-21 ta' Gunju 1979 ghall-perjodu ta' inqas minn 21 sena. Ghaldaqstant jaqa' fil-parametri tal-artikolu 12(2)(a) tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Skont dan is-subinciz (2), meta dar ta' abitazzjoni tkun inghatat b'cens temporanju, u fit-terminazzjoni ta' dik l-enfitewsi kif stabbilit fl-istess artikolu, l-enfitewta huwa cittadin Malti u jkun jokkupa d-dar bhala residenza ordinarja tieghu, ikollu l-jedd li jibqa' jokkupa d-dar b'titolu ta' kera. Dan bir-rata ta' kera operanti *ex lege* fis-subparagrafu (i) ta' l-istess subinciz (2).

**Ikkonsidrat** li fil-kuntratt tal-1986 bejn Maria Schembri, bhala werrieta tas-subkoncessonarju Francis Schembri u l-intimat, gie stipulat li Maria Schembri "***qed tiddona gratuwitament, estintivament u irrevokabilment lil Alfred Grima li jaccetta u bl-istess titolu ta' donazzjoni jakkwista minn ghandha s-subutile dominju temporanju ghaz-zmien li kien ghad fadal minn sbatax-il sena li bdew jghaddu mis-16 ta' Dicembru 1977...".***

Illi ghalhekk permezz tal-kuntratt imsemmi ma sarx koncessjoni subenfitewtika gdid imma cessjoni gratuwita

tad-drittijiet tas-subenfitewta ghaz-zmien li kien fadal u ghas-subcens annwu ta' Lm25 fis-sena pagabbli kull sitt xhur u soggett ghall-kondizzjonijiet kollha stipulati fis-subkoncessjoni enfitewtika temporanja originali tas-sena 1977.

B'konsegwenza ta' dan l-intimat jitqies li dahal fil-*veste* tas-subenfitewta originali u jekk jissoddisfa d-dettami tal-artikolu 12(2)(a) huwa protett, fil-fehma ta' din il-Qorti, b'titolu ta' kera.

**Kompetenza *Rationae Materiae***

Ghalkemm hadd mill-partijiet ma ssolleva din l-eccezzjoni, din il-Qorti tista' tqajjem din il-kwistjoni *ex officio* billi l-kompetenza hija ta' ordni pubbliku, u dan *in visto* tal-ammendi introdotti bl-Att X tal-2009 senjatament bl-artikolu 1525(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-artikolu 16(4) fil-Kap.69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti tqies li hija kompetenti *rationae materiae* biex tinvestiga jekk okkupant ta' fond jista' jivvanta b'success titlu ta' kera. Huwa minnu li l-intimat qatt ma hallas la cens u lanqas r-rata ta' kera applikabbli mat-terminazzjoni tas-subenfitewsi. Izda jekk il-kaz illum jirrisolvi ruhu f'kwistjoni ta' inadempjenza tal-obbligazzjonijiet naxxenti mill-inkwilinat, f'tali kaz, r-rikorrenti iridu jiddeducu t-talbiet taghhom ghar-ripresa tal-pussess quddiem il-Bord tal-Kera (*vide* artikolu 5(3)(b) tal-Kap 158).

Rizolt dan l-ewwel kwezit jibqa' biex jigi kkunsidrat jekk l-intimat jista' jinvoka b'success l-artikou 12 tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Residenza Ordinarja**

Fil-fehma tal-Qorti l-intimat ma irnexxielux li jipprova li kien qieghed jokkupa l-fond bhala r-residenza ordinarja tieghu meta c-cens spicca. Anzi min-notament fil-*file* tad-Dipartiment jirrizulta li kien jidhol fil-fond biss bil-lejl. Huwa minnu li xehed fl-affidavit tieghu li m'ghandu imkien iehor fejn jabita izda lanqas gab l-icken prova imqar b' dokumenti civili, (ad ezempju l-karta tal-Identita`, estratt mir-Registru Elettorali, kontijiet utili) li jistghu jikkostitwixxu prova, ghalkemm mhumiex necessarjament prova konklussiva, kif gie dikjarat fil-kawzi **"Borg Costanzi vs Debarro",** u **"Calleja vs Ellul"** Appell tad-29 ta' Novembru 1996.

Illi r-residenza trid tigi ppruvata. L-intimat qed jinvoka l-protezzjoni tal-artikolu 12 tal-Kap 158 u jispetta lilu li jressaq il-provi dwar l-elementi rikjesti mill-Ligi fosthom li l-fond jikkostitwixxi r-residenza ordinarja tieghu.

Fil-kaz fl-ismijiet **AIC Joseph Barbara et v Pawlu Carbonaro** - (PA (JZM) - deciz fil-11 ta' Gunju 2012.), gie ritenut li :-

*"Sabiex jigi stabbilit jekk persuna kellhiex ir-residenza ordinarja taghha f'post partikolari huma relevanti dawk ic-cirkostanzi kollha illi jistghu jindikaw jekk il-persuna koncernata kienx qieghed jaghmel uzu mill-fond ghal dawk*

*l-iskopijiet li wiehed jifhem b'residenza ordinarja. Dawn jinkludu l-irqad u mistrieh regolari fil-fond in kwistjoni, il-fatt li fil-fond in kwistjoni jinzammu l-oggetti personali u l-hwejjeg ta' min jippretendi li ghandu residenza, il-fatt illi f'din ir-residenza huwa jghaddi z-zmien liberu tieghu fejn hu jipprattika d-delizzji tieghu u jaghmel ix-xoghol personali tieghu. Tindika wkoll il-kelma 'residenza', l-fond fejn wiehed jippranza u jiccena, fejn wiehed jircevi l-korrispondenza u anke fejn jircevi l-hbieb, u fejn il-hbieb u terzi jistennew li jsibu lil min hu hemm residenti. Biex tkun residenza "ordinarja", ir-residenza ma tridx tkun kazwali jew saltwarja, jew ghal semplici kumdita` ahjar, jew ta' semplici pjacir, jew ispirata minn dik il-htiega ta' kambjament ta' ambjent li anke taghmel gid ghas-sahha u ghall-mohh imma trid tkun ir-residenza ordinarja tal-bniedem, anke jekk ghal bzonn mhux l-unika residenza tieghu, imma dejjem haga imposta minn necessita`. Ir-residenza ordinarja trid tirrizulta minn sensiela ta` fatti ppruvati. U fil-kisba taghha ma hemm xejn awtomatiku."*

Kif gie ribadit :-

"*Ir-residenza hija stat ta` fatt li trid tirrizulta mill-provi tal-kaz.."*(**Agius vs Copperstone et** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 25 ta' Mejju 1966).

Inoltre l-Qorti ma tistax tinjora c-certifikazzjoni peritali tal-fond bhala *"inabitabbli"* ("*in a state of collapse and therefore of imminent danger to anybody in the place")*[7] u

[7] Certifikat a fol 45

sahansitra anke perikoluz f'parti minnu. Anke s-servizzi essenzjali huma neqsin - l-ilma huwa pprovdut minn vit wiehed tal-Gvern u s-servizzi bazici inkluz l-elettriku huma monki jew in parti mhux konformi mal-ligijiet sanitarji. Tant li d-Dipartiment talbu l-konsenja tac-cwievet mill-awtrici tal-intimat wara li saret l-ispezzjoni tal-Perit Naudi. Dan ic-certifikat ma giex kontradett u johloq dubbji attendibbili li l-fond ma kienx okkupat kif irid li jigi prezunt l-intimat.

**Relevanza tax-xhieda ta' Carmen Azzopardi ghall-*fattispecie* tal-kaz in ezami:**

Ix-xhieda ta' Carmen Azzopardi hija relevanti hafna ghall-vertenza odjerna. Hi kkonfermat li ma kien hemm l-ebda ftehim bejn id-Dipartiment tal-Awtorita` tad-Djar u Alfred Grima (a fol 28 *a tergo*). Din hija ta' importanza *stante* li l-fond mertu tal-kaz, kien rekwizizzjonat, u allura kien imperattiv li l-Awtorita` tad-Djar tkun involuta f'kull att matul il-perjodu tar-rekwizizzjoni. Illi l-intimat Alfred Grima kien semplicement rikonoxxut peress li l-Awtorita` tad-Djar, kellhom kopja tal-kuntratt fejn Maria Schembri kkoncediet b'enfitewsi gratuwita l-fond lil Alfred Grima, fil-*file* tad-Dipartiment.

Meta tnehhiet ir-*requisition* fuq il-fond *de quo*, din harget fuq Edgar Gili u mhux fuq Alfred Grima. Ix-xhud spjegat ulterjorment, li normalment, jekk xi hadd ikun rikonoxxut mill-Awtorita` tad-Djar, id-derekwizizzjoni tohrog fuqu wkoll. *Di piu`*, hi kkonfermat li s-subenfitewsi li nghatat originarjament kienet tiskadi fl-1994. In segwitu`, l-fond gie spezzjonat fl-1994 fejn il-Perit Naudi ccertifika l-fond bhala inabitabbli. Illi l-fond gie deirekwizzizzjonat fit-2 ta' Frar

1999 (fol 5), u minkejja dan Alfred Grima baqa` jokkupa l-fond.

Illi *in vista* tas-suespost, il-kredibbilita` tax-xhieda tal-intimat hija mminata minn dak li qal hu stess, fejn qal li ma kellux ghalfejn imur ghand in-Nutar, meta fir-realta' Maria Schembri kienet cediet b'donazzjoni d-dritt taghha b'att notarili, u li hu ha biss ic-cavetta mill-'Housing Department. Dan jikkonstrasta max-xhieda ta' Carmen Azzopardi li xehdet li min-naha tad-Dipartiment, ma kinux involuti f'dan it-trasferiment ta' koncessjoni enfitewtika li kien sar fil-konfront ta' Grima. Inoltre`, Grima qal fix-xhieda tieghu li ma kienx jaf min hu s-sid tal-fond, u b'hekk qatt ma hallas kera. Dan ikompli jikkonferma li l-initmat baqa' jokkupa l-fond b'mod illegali u abbuziv.

Illi ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-intimat ma ppruvax sufficjentement a sodisfazzjon taghha li wara li gie assenjat is-sub cens temporanju hu kien qed jirrisjedi fil-fond bhala r-residenza ordinarja tieghu matul il-perjodu kollu. Qal biss li ma kellux post fejn jirrisjedi u nghata c-cwievet mill-Awtorita` tad-Djar. Il-Qorti ma tara xejn kredibbli fil-verzjoni tieghu. Xehed li ma marx ghand Nutar mentri l-kuntratt jitkellem wahdu. Xehed li gie allokat il-fond mill-Awtorita' tad-Djar mentri dan gie negat mir-rapprezentant tal-Awtorita' li xehdet *viva voce.* Xehed li ma kien jaf xejn dwar is-sidien u li qatt ma hallas kera mentri kien konsapevoli tac-cens li kellu jithallas billi dan hu msemmi fil-kuntratt ta' donazzjoni.

Rinfaccjata b'tali konflitt fil-provi, kien essenzjali ghall-intimat li jsostni l-pozizzjoni tieghu b'xhieda jew dokumenti korroboranti-haga li ma ghamilx.

Ghaldaqstant, il-kriterji stabbiliti **mill-Artikolu 12 (2)(a) ma jirrizultawx.** B'konsegwenza ta' dan il-Qorti hi tal-fehma li l-intimat m'ghandu l-ebda titlu ta' kera u l-eccezzjoni tieghu hija ghalhekk michuda billi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

**Il-Patt Rizoluttiv**

Illi dan kollu stabbilit, din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fl-apprezzament tal-pattijiet stipulati fil-kuntratt ta' subenfitewsi originali. Izda anke f'kaz li l-intimat kien jirnexxielu jipprova li kien qed jirrisjedi fil-fond bhala r-residenza ordinarja tieghu *ai termini* tal-Kap 158, l-effett tal-patt rizoluttiv espress fil-kuntratt ta' subenfitewsi tas-sena 1977 huwa li d-dritt tieghu derivanti mid-donanti Maria Schembri, kien jigi revokat.

Illi l-koncessjoni enfitewtika originali kien soggett ghall-patt rizoluttiv espress li jistipula li "*is-subenfitewta ma jkollux dritt li jittrasferixxi s-subutile dominju temporanju tal-fond jew jikrieh lil terzi persuni u jekk dan is-subkoncedent jkollha dritt li titlob ir-risoluzzjoni immedjata tal-prezenti att u tiehu lura l-fond hieles minn kull dritt ta' lokazzjoni u ta' subenfitewsi.*"

Ma hemmx dubbju li dan hu patt rizoluttiv espress.

Kif gie drabi ohra rimarkat, "*biex il-patt jinghad espress dak li jkun ried jigi stipulat espressament mhux biss l-obbligu ghall-ghoti jew ghemil ta' xi haga izda r-rizoluzzjoni ta', jew dekadenza, tal-kuntratt jekk dak l-obbligu ma jigix adempit*" – "**Romeo Giulio Fenech Pace et -vs- Francis Sciberras**", Appell Civili, 29 ta' Jannar 1965;

L-att bejn Maria Schembri u l-intimat sehh bi ksur ta' din il-kondizzjoni u jsegwi li r-rikorrenti ghandhom d-dritt li jippretendu r-rizoluzzjoni immedjata tal-kuntratt.

Hawnhekk il-Qorti tissenjala li talba *ad hoc* ghad-dikjarazzjoni tar-resiliment tal-kuntratt ma saritx .

Bhala fatt huwa minnu li t-trasferiment lill-intimat sar bi ksur tal-patt rizoluttiv stipulat fil-koncessjoni subenfitewtika originali. (Dokument esebit a fol 59-64). Maria Schembri kienet il-werrieta tas-subkoncedent originali u soggetta ghal dan il-patt meta ghaddiet b'titolu gratuwitu lill-intimat id-dritt ta' subcens ghall-perjodu rimanenti.

Din il-Qorti taqbel ma' dak rilevat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi, li meta Maria Schembri, l-werrieta ta' Francis Schembri ttrasferiet l-istess cens li kellu Francis Schembri b'donazzjoni gratuwita lil Alfred Grima, dan kien inamissibbli u vjolattiv.

**Skont l-artikolu 1066 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta:-**

*"(1) Il-kondizzjoni riżoluttiva hija dik illi, meta sseħħ,tħoll l-obbligazzjoni, u terga' tqiegħed il-ħwejjeġ fl-istess stat bħal kieku l-obbligazzjoni ma kienet ġiet qatt magħmula.*

*(2) Din il-kondizzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, iżda, jekk il-ġrajja maħsuba fil-kondizzjoni tiġri, il-kreditur ikun obbligat irodd dak li jkun irċieva."*

Il-Ligi taghna tiddistingwi bejn il-patt rizoluttiv espress (**art 1067 tal-Kap 16)** u l-patt rizoluttiv tacitu (**art.1068 tal-Kap 16)**. Id-differenza, kif tohrog mill-istess artikoli hija li fejn il-kondizzjoni hija espressa, il-kuntratt jinħall *ipso jure*, u l-Qorti ma tista' tagħti ebda żmien lill-konvenut. Meta l-kondizzjoni mhix espressa, u tinghadd dejjem f'kuntratti bilaterali ossia sinallagmatici, il-kuntratt ma jinħallx *ipso jure*, u l-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti żmien xieraq lill-konvenut, bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi dwar il-kuntratt tal-bejgħ.

Skont **l-artikolu 1069 tal-Kap 16,** sew fil-kaz ta' kondizzjoni rizoluttiva espressa sew tacita, tkun għall-każ li fih waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx ġiet esegwita, tista' tagħżel, jekk il-kondizzjoni sseħħ, jew li titlob il-ħall tal-kuntratt, jew li ġġiegħel lill-parti l-oħra tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibli. Din l-ghazla hija fakultattiva ghall-kreditur tal-obbligazzjoni (**Victor Chetcuti v Joseph Farrugia-**App Civ.- 6 ta' Ottubru 2000).

Hi fil-fatt gurisprudenza pacifika illi "*meta l-patt hu stipulat il-Qorti ma tistax tuza mill-fakolta` li ghandha li takkorda lid-debitur zmien ragjonevoli biex jippurga l-mora*" ("**Giuseppe Agius –vs- Maria Calleja noe**", Appell Civili, 26 ta' Frar 1937; "**Onor. Edgar Cuschieri noe –vs- Emmanuel Muscat**", Appell Civili, 8 ta' Novembru 1957;

**Baudry-Lacantinerie** (*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile', 'Delle Obbligazioni', Vol. II*,) jiddeskrivi hekk: "*il patto commissorio*: *la clausola con cui le parti convengono, che il contratto resti annullato, ove 'l una o 'l altra di esse non soddisfi la sua obbligazione ... il patto commissorio non e` che una condizione risolutiva con caratteri speciali."* Fir-rigward tal-*pactum commissorium tacitum* jghid li din hija: *"una condizione risolutiva, sotto intesa nei contratti sinallagmatici, per il caso in cui una delle parti manchi alla sua obbligazione.....".*

Illi hawnhekk isorgi l-kwistjoni jekk hemm il-htiega ta' dikjarazzjoni gudizzjarja sabiex il-kuntratt jinhall;

Dwar dan f'sentenza fl-ismijiet **Nicosia *nomine versus* Farrell,** il-Qorti tal-Kummerc per Onor P.De Bono-15 dicembre 1898, per Onor. P. De Bono **(Kollezz. XVI, III, 103)** iddecidiet, b'riferenza ghall-beneficcju taz-zmien, "*Attesocche`, sebbene sia vero che, quando la decadenza dal beneficio del termine e` espresso, il creditore puo` procedure alla esecuzione del titolo, senza far precedere la condanna giudiziale del debitore ....; tuttavia, allorche` quella decadenza dipende da una condizione, come nel*

*caso dipendeva dalla mora nel pagamento di due rate mensili, interessa al creditore che sia accertata la verificazione della condizione, prima che egli proceda alla esecuzione del titolo stesso.*"

Madanakollu ghalkemm dan il-kaz gie segwit bid-decizjoni fl-ismijiet **Giulia Warren *versus* Carmela Inguanez,** (Qorti tal-Kummerc, 2 Frar 1943-Kollezz. XXXI, III, 249) dik il-Qorti ikkonkludiet li l-awtorizzazzjoni hija dejjem necessarja, anke fejn il-kreditur m'ghandux interess li jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja.

Dan gie kkjarifikat mill-On. Qorti tal-Appell fil-kaz **Calcedonio Ciantar versus Francis Grech et** (Appell Civili, 21 Mejju, 1965, Anthony Mamo J) : "*A propozitu taz-zewg sentenzi citati mill-ewwel Onorabbli Qorti din il-Qorti tixtieq l-ewwelnett tirrileva **fl-interess tal-precizjoni**, illi hemm differenza, probabbilment mhux voluta, bejniethom, li jista' jkollha konsegwenzi jekk ma tigix avvertita. Is-sentenza Vol. XXXI, III 249 [... **Warren vs. Inguanez...]** tidher manifestament li giet ibbazata fuq is- sentenza Vol. XVI, III, 103 [ ... **Nicosia vs. Farrell** ...] citata fiha: izda mentri f'din l-ahhar sentenza kien jinghad, fil-parti ghal issa rilevanti,' illi 'allorche (la decadenza dal beneficio del termine) dipende da una condizione, come nel caso dipendeva dalla mora nel pagamento di due rate mensili, **interessa al creditore che sia accertata la verificazione** della condizione, prima che egli proceda alla esecuzione del titolo stesso', fis-sentenza Vol. XXXI intqal - kif issa wkoll intqal fis-sentenza appellata – illi 'meta d-dekadenza*

*tiddependi minn kondizzjoni, bhal kaz prezenti, mill-mora fil-pagament ta' rati ta' hlas li kellhom isiru, hija* ***necessarja l-awtorizzazjoni gudizzjali*** *ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt...".*

*"Fil-fehma tal-Qorti huwa car li altru li wiehed jghid illi l-kreditur ghandu interess li jaccerta gudizzjarjament il-verifikazzjoni tal-kondizzjoni u altru li wiehed jghid illi 'l-awtorizzazzjoni gudizzjali* ***hi necessarja'****'. Jekk tigi accettata din it tieni versjoni tar-regola jigri illi, f'kazijiet ta' din ix-xorta, il-kreditur ma jkun jista' qatt jipprocedi ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt jew titolu iehor minghajr il-precedenti awtorizzazzjoni gudizzjali tant illi jekk jipprocedi ghall-ezekuzzjoni minghajr dik il precendenti awtorizzazzjoni jista jigi milqugh bl-eccezzjoni relativa . Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ma jidhirx korrett. Dak li hu korrett hu biss li jinghad illi l-kredituri* ***ghandu interess jew ahjar, jista' jkollu interess*** *li, qabel jipprocedi ghall-ezekuzzjoni, jottjeni dikjarazzjoni gudizzjali tal-verifikazzjoni tal-kondizzjoni.*

*Is-sitwazzjoni ezatta kif taraha din il-Qorti hi dina. Normalment il-principju hu –* ***u dana hu espressamant affermat fiz-zewg sentenzi fuq imsemmija*** *– illi, meta d-dekadenza mill-beneficju tat-terminu hi espressa, il-kreditur jista jipprocedi ghall-ezekuzzjoni, minghajr il-kundanna gudizzjali precedenti tad-debitur jew l-awtorizzazzjoni gudizzjali a meno che ma jkunx ghadda z-zmien jew ma jkunx jirrikorru c-cirkostanzi kif kontemplat fl-artikoli 256 u 257 tal-Kodici ta Organizzazzjoni u Proceduri Civili. B'dana*

*kollu l-kreditur jista', qabel jghaddi ghall-ezekuzzjoni, jottjeni dikjarazzjoni gudizzjali illi l-kondizzjoni li minnha tiddependi d-dekadenza vverifikat ruhha. Pero ghall-finijiet ta l-ispejjez ta' domanda simili l-Qorti ghanda dritt tara jekk, fil kaz partikolari, kienx hemm xi ragunijiet li kienu jiggustifikaw il-bzonn ta' dikjarazzjoni gudizzjarja precedenti, bhal per ezempju ghaliex id-debitur ikunu ga qanqal kwistjoni dwar il-verifikazzjoni tal-kondizzjoni li minnha tiddependi d-dekadenza. Minghajr xi cirkostanza simili d-domanda gudizjarja da parti tal-kreditur tkun aktarx inutili u tikkaguna lid-debituri spejjez bla bzonn.*"

Aktar recentement fil-kaz **Ricoinvest Limited vs. Catherine Ripard,** (App Inf. On.P.Sciberras-10 ta' Mejju 2006) il-Qorti ippronunzjat is-segwenti:-

"*Illi minn qari akkurat ta' l-artiklu 1067 tal-Kodici Civili, jidher car il-hsieb tal-legislatur hu li fejn il-kondizzjoni rizoluttiva hija espressa, il-kuntratt jinhall ipso jure. L-esponent pero` japprezza illi l-kwestjoni hija aktar komplessa minn hekk l-aktar minhabba d-divergenza li hemm fost l-awturi stabbiliti li jikkummentaw dwar disposizzjonijiet simili fil-Kodici Civili Taljan kif ukoll mill-gurisprudenza lokali li f'certu sens jirriflettu l-istess veduti divergenti ... ".*

Il-Qorti f'dik is-sentenza traccjat il-gurisprudenza u d-dottrina fir-rigward bl-aktar mod awtorevoli inkluz **Ciantar v Grech,** fuq citat u kkonkludiet hekk:

*"Illi wara li l-esponent haseb fit-tul fuq dan l-aspett tal-vertenza, huwa tal-fehma illi hija l-volonta` tal-partijiet kontraenti kif riflessa fil-ftehim li ghandha tigi applikata u fin-nuqqas ta' diffikulta` ta' interpretazzjoni, il-konferma ossia d-dikjarazzjoni tal-gudikant mhijiex necessarja biex titwettaq ir-rieda tal-partijiet.*"

Din il-Qorti tikkondividi pjenament dan il-hsieb. Fil-kaz odjern, ma jirrizultax li hemm xi dubbju dwar l-intenzjoni tal-kontraenti fil-koncessjoni subenfitewtika tas-sena 1977 u d-divjet hu wiehed car, inekwivoku, u ma hemmx xi htiega ta' accertament gudizzjarju sabiex jigi stabbilit jekk il-kondizzjoni rizoluttiva avverat *o meno*.

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li ma kienx hemm il-htiega ta' talba gudizzjarja sabiex il-kuntratt ta' subenfitewsi jinhall.

Illi t-trasferiment gratuwitu favur l-intimat *ipso jure* kellu bhala effett ir-rizoluzzjoni tal-jeddijiet spettanti lill-awtur tieghu, Maria Schembri in virtu' tal-kuntratt tas-1977. Isegwi li r-rikorrenti jistghu jistriehu fuq il-klawsola rizoluttiva anke kontra l-istess intimat li ma jistax, da parti tieghu, jinvoka l-jeddijiet derivanti mill-kuntratt tieghu.

**L-artikolu 1067 fuq citat** jghid li il-kuntratt *jinhall ipso jure*. Fil-kaz odjern il-kuntratt inhall b'effett mill-verifika tal-kondizzjoni rizoluttiva, u cioe` mat-trasferiment gratuwitu lill-intimat. Dwar dan ma jistax jinghad li l-intimat ma kienx konsapevoli billi hemm riferenza ghall-kuntratt tas-sena

1977 fil-kuntratt tad-donazzjoni fejn anke intrabat li jottempera ruhu mal-obbligazzjonijiet hemm pattwiti.

Ghalhekk it-titlu pretiz mill-intimat ma jreggix anke minn din l-ottika billi c-cessjoni gratuwita tad-dritt ta' subenfitewsi skattat *ipso jure* r-rizoluzzjoni tal-istess dritt tad-donatrici.

***Mala Fede***

Gie sostnut mill-atturi li dan il-ftehim li sar minn Maria Schembri kien defrawdanti ghar-rikorrenti, peress li permezz tieghu, ic-cavetta tal-fond mertu tal-vertenza odjerna ma marret qatt f'idejn ir-rikorrenti. Fil-fatt, fil-kaz in ezami, kif ikkonfermat Carmen Azzopardi stess, baqghet ma nghatatx ic-cavetta lura lir-rikorrenti *nonostante* li l-fond kien ilu direkwizizzjonat.

Madanakollu Maria Schembri mhix parti f'din il-kawza u din il-Qorti ser tirriserva milli tippronunzja ruhha dwar l-allegat *mala fede* fl-assenza tal-istess kontraenti.

**III <u>KONKLUZJONI</u>**

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li **tillibera** lil Carmela Polidano mill-osservanza tal-gudizzju, **tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat** u tiddisponi mit-talbiet rimanenti attrici billi:-

1. **Tastjeni** milli tiehu konjizzjoni aktar tal-ewwel talba.

2. **Tilqa' t-tieni talba** u tiddikjara li l-intimat qed jippossjedi l-fond minghajr titolu validu fil-ligi;

3. **Tilqa' t-tielet talba u** tordna lill-istess intimat sabiex fi zmien perentorju ta' xahar millum jizgumbra u jivvaka l-fond fuq imsemmi u jrodd lura lir-rikorrenti l-pusses vakanti tal-fond 24, Triq El Dorado, Hamrun lir-rikorrenti.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat ghajr ghall-ispejjez ta' Carmela Polidano li ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**25 ta' Frar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**25 ta' Frar 2016**